# Tagħrif dwar L-Ordni Franġiskan f'Malta

**Parti mill-Kitba ta' Patri Alessandru Bonnici OFM Conv**

## Moviment ta' Tiġdid

Il-Kapuċċini kellhom il-bidu tagħhom fl-1525 bħala moviment ta' tiġdid fi ħdan l-Ordni Franġiskan. Għall-ewwel, il-Kapuċċini fittxew il-ħajja eremitika. Għalhekk, l-ewwel isem uffiċjali li twieldet bih din ir-riforma kien dak ta' Frati Minuri ta' Ħajja Eremitika.

Fil-bidu, huma kellhom regolamenti ta' riforma iebsa ħafna. Fosthom insibu: li waqt l-ikel, ma jkollhomx ħlief platt wieħed u li f'xi ħinijiet, josservaw silenzju rigoruż. Jidher li l-ewwel kapuċċin li kellu kuntatt ma' Malta kien Patri Robertu minn Eboli. Dan kien ġie f'din il-gżira fi żmien l-Assedju l-Kbir.

Fost il-knejjes importanti li għandhom f'idejhom, insibu l-eremitaġġi ta' Renacavata u Montecasale, id-dar qaddisa tas-Sagra Familja f'Loreto, il-bażilika patrijarkali ta' San Lorenzo fuori le Mura f'Ruma, u llum, bħala l-aqwa ċentru tal-pellegrinaġġi, insibu s-santwarju ta' San Giovanni Rotondo fejn hemm il-qabar ta' San Piju ta' Pietrelcina.

## L-Għajnuna tal-Gran Mastru Verdalle

Kienu għaddew madwar ħamsin sena mill-oriġini ta' din ir-riforma Franġiskana. Ftit wara li bdew joħorġu mill-Italja, il-Gran Mastru Hugues Loubenx de Verdalle (wieħed miż-żewġ kardinali li kellhom il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann), daħħal fostna l-Kappuċċini bejn l-1588 u 1589. Lilhom il-Gran Mastru bnielhom kunvent iħares fuq il-Port il-Kbir; 'il barra mill-Belt Valletta, il-kapitali l-ġdida ta' Malta. Il-post hu l-Furjana tal-lum.

## Il-Kalkara u Għawdex

Biż-żmien, il-Kapuċċini bnew żewġ kunventi oħra. Wieħed inbena 'l barra mis-swar tal-Birgu, fil-Kalkara tal-lum. Dan għandu miegħu l-knisja ta' Santa Barbara, imma hu magħruf bl-isem ta' Santa Liberata. Fil-festa ta' din il-qaddisa fl-imgħoddi kienu jsiru t-tiġrijiet tad-dgħajjes. Kunvent ieħor, fl-1736, inbena taħt is-swar taċ-Ċittadella ta' Għawdex, maġenb knisja ċkejkna

ddedikata lill-Madonna tal-Grazzja. Il-kwadru ta' dik il-knisja fl-1952 ġie inkurunat.

## Opri Soċjali

L-isem tajjeb tal-Kappuċċini kiber meta l-kittieb Alessandro Manzoni daħħal fil-magħruf rumanz storiku tiegħu (*I Promessi Sposi*) lil Padre Cristoforo, Kapuċċin li għen persuni fil-bżonn, assista b'ġenerożità lill-morda waqt il-flaġell tal-pesta ta' Milan. Imma din l-assistenza tawha wkoll il-Kapuċċini Maltin fid-diversi drabi li l-flaġelli tal-pesta jew kolera laqtu lil Malta. Huma kienu jissejħu biex jassistu l-morda fl-isptarijiet, u anke f'lazzarett fejn kien hemm miġburin dawk li ntlaqtu mill-mard li jittieħed.

## Fi Żmien il-Franċiżi

Il-Kapuċċini wkoll sofrew fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi (1789-1800). Huma kellhom jitilqu mill-kunventi tal-Kalkara u ta' Għawdex, u jinġabru kollha fil-kunvent tal-Furjana. Imma, xorta waħda, għalkemm b'diffikultà, baqgħu jaħdmu fl-irħula u 'l barra mill-ħitan tal-Belt u tat-tlett ibliet tal-Kottonera.

F'dak iż-żmien wieħed minnhom, Patri Ġużepp minn Ħaż-Żabbar, wassal fl-Imdina l-messaġġ tal-Isqof Labini li xtaq li l-Maltin jaslu għal ftehim ta' paċi mal-Franċiżi. Kienet missjoni li falliet, u l-Kapuċċin ma tħalliex joħroġ mill-Imdina. Fi żmien il-Franċiżi, xi kapuċċini għexu 'l barra mill-kunvent tagħhom. Fil-fatt, il-kunvent tal-Furjana kien f'tiġrib li jintlaqat waqt l-attakki fuq il-Belt, li l-Maltin kienu qed jagħmlu mill-Blata l-Bajda. Xi Kapuċċini stkennew fil-kunvent tal-Franġiskani Konventwali tal-Belt.

## Żmien l-Ingliżi

Malli l-Franċiżi ċedew, il-Kapuċċini ħadu lura l-kunvent tagħhom. Huma baqgħu jaħdmu biex itaffu t-tbatija tal-poplu Malti. Fl-1813, mal-bidu tal-kolonjaliżmu Ingliż, il-ġuħ u l-faqar wasslu għall-pesta, u mbagħad għall-kolera tal-1839.

Il-Kapuċċini ġew imfaħħrin għall-ħidma tagħhom qalb dawk li nltaqtu minn dawk il-flaġelli. Fil-pesta tal-1813, erba' Kapuċċini ċċappsu bil-mard u mietu. L-Ingliżi wrew l-apprezzament tagħhom billi għażlu lill-Kapuċċini biex jassistu fl-isptarijiet u l-orfanatrofji.

## Knejjes u Parroċċi tas-Seklu Għoxrin

Sal-bidu tas-seklu għoxrin, il-Kapuċċini baqgħu jaħdmu dejjem fi knejjes

imfittxin ħafna mill-poplu. Ma kinux ftit dawk fosthom li ġibdu fuqhom l-ammirazzjoni tal-poplu, mhux biss għad-dedikazzjoni tagħhom, imma wkoll għall-ħajja qaddisa li għexu. Dawn ma kinux saċerdoti biss, imma wkoll fratelli lajċi. Fost dawk ta' ħajja qaddisa, ma nistgħux ma nsemmux lil Fra Krispin Zammit u lil Fra Baskal Farrugia, li tiegħu nfetaħ il-kawża tal-beatifikazzjoni.

L-esiġenzi pastorali tad-djoċesi ta' Malta tefgħu l-Kapuċċini fil-qalba ta' ċentri ġodda li kienu bdew jiżviluppaw mal-bidu tas-seklu għoxrin. Għalhekk, il-kunventi tagħhom bdew jinbnew fiċ-ċentru ta' xi żona ġdida. Huma sabu benefatturi kbar, fost l-oħrajn in-negozjant Lorenzo Balbi u martu Marija Karmena. Dawn fl-1909 bdew jibnu għall-Kapuċċini l-kunvent u l-knisja tal-Marsa, li ġiet iddedikata lit-Trinità Qaddisa. L-Isqof Pietru Pace, fl-1913, għamilha parroċċa.

Mill-1935, il-Kapuċċini nsibuhom fix-Xemxija, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, fejn bnew knisja f'ġieħ San Ġużepp Ħaddiem, li minħabba problemi ta' statiċità kellha tinħatt, u mbagħad terġa' tinbena f'għamla oħra.

Fl-1938, huma daħlu wkoll fl-Imsieraħ jew San Ġwann. Il-Kapuċċini lestew il-kunvent fl-1958; fl-1959, bdiet tintuża l-knisja. Din ġiet iddedikata lill-Madonna ta' Lourdes. Fit-12 ta' Settembru 1965, il-knisja ġiet iddikjarata parroċċa.

Mill-1953, il-Kapuċċini nsibuhom f'Għajn Dwieli, b'kunvent u knisja ddedikata lil Sant'Antnin ta' Padova. Fiż-żona tagħhom tal-Marsa, bnew knisja oħra, li ssemmiet l-ewwel għall-Madonna tad-Dmugħ, u mbagħad għal Marija Reġina. Din ukoll, fl-1965, ġiet iddikjarata parroċċa.

## Sehem fil-Kultura Nisranija

Sa minn mijiet ta' snin, kapuċċini Maltin taw is-sehem tagħhom bil-kitba kemm fil-qasam teoloġiku, kif ukoll f'dak filosofiku. Xi wħud baqgħu msemmijin għas-sehem tagħhom f'kitba letterarja u poetika. Hu biżżejjed li, bħala poeta, insemmu lil Patri Mattew Sultana. Oħrajn taw sehemhom f'pubblikazzjoni tal-Immakulata, li baqgħet sejra sal-1968. Bejn l-1968 u l-1973, huma mexxew ir-rivista *Dawl Ġdid*, flimkien mal-Ordnijiet Franġiskani l-oħajn. Imma, mill-1981, ir-rivista hi kompletament f'idejhom. Din ir-rivista twassal l-attivitajiet spiritwali u kulturali tagħhom, u turf ħafna l-ħidma għalenija tagħhom favur il-missjonijiet.

Fil-qasam bibliku, Patri Donat Spiteri ta kontribut kbir kemm bil-kotba *Kliem il-Ħajja*, kif ukoll b'għadd ta' pubblikazzjonijiet. Bi *Kliem il-Ħajja*, bil-għajnuna ta' ħafna lajċi, tixtered l-ispiritwalità biblika.

# L-Appostolat tal-Lum

Waqt li nfirxu sewwa fil-gżejjer tagħna, il-Kapuċċini għadhom mitfugħin fuq bosta ħidmiet pastorali f'ħafna parroċċi bil-qrar u l-predikazzjoni. Minbarra li jieħdu sehem attiv f'missjonijiet popolari, insibuhom fl-isptarijiet, fil-ħabs, u fiċ-ċimiterju.

Il-Kapuċċini jħarsu b'kuraġġ lejn il-ġejjieni. L-eżempju ta' ħidmiethom fl-imgħoddi hu mudell u garanzija għall-ġejjieni. Aktar minn mitt Kapuċċin Malti jaħdmu f'Malta, u ma' erbgħin oħra huma f'artijiet oħrajn. Illum, għadna nsibuhom f'missjonijiet fil-Kenja, it-Tanzanija, u l-Etjopja (fl-Afrika). Jaħdmu wkoll fit-Turkija, l-Awstralja, fl-Istati Uniti tal-Amerka, u l-Kanada. F'Malta, il-preżenza tagħhom għadna narawha a) il-Furjana u l-Kalkara fejn għandhom ukoll Dar ta' Formazzjoni, b) il-Marsa u San Ġwann fejn imexxu parroċċi, ċ) ix-Xemxija f'San Pawl il-Baħar. Kien għal xi żmien f'San Martin, limiti ta' San Pawl il-Baħar, fejn kellhom Dar ta' Talb, f'għamla ta' eremitaġġ Franġiskan.

Il-preżenza tagħhom għadha tinħass ħafna qalb il-morda u l-anzjani: fl-Isptar San Luqa fi Gwardamanġa, f'Mount Carmel f'H'Attard, fl-Isptar Sir Paul Boffa, il-Furjana, u fl-Isptar Zammit Clapp f'San Ġiljan. Insibuhom ukoll qrib l-anzjani fir-residenzi ta' Saint Vincent de Paul u Rużar Briffa ta' Ħal Luqa, f'Ħaż-Żmien (l-Imtarfa) u Tal-Ferħa (Ħal Għargħur). Għadna nsibuhom fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata u l-ħabs ta' Kordin.

Jagħmlu wkoll ħafna ġid spiritwali bil-Gruppi ta' Talb Patri Piju, li l-Knisja f'Ġunju 2002 għollietu għall-ġieħ ta' Qaddis. L-ispiritwalità Franġiskana tixtered ukoll bl-Ordni Franġiskan Sekulari u bil-Ġifra għaż-Żgħażagħ flimkien mal-Minuri u l-Konventwali. Għadha tinħass ħafna l-preżenza tal-Kapuċċini bil-predikazzjoni, il-qrar, u t-tqarbin tal-morda. Kull wieħed minnhom iħaddem it-talenti tiegħu biex ixerred il-Messaġġ Franġiskan ta' Paċi u Ġid.